



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 11/26

Il-Lussemburgu, 10 ta' Frar 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-97/23 P | WhatsApp Ireland vs Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

GDPR: L-appell ta' WhatsApp Ireland kontra d-Deċiżjoni vinkolanti 1/2021 tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huwa ammissibbli

Billi din id-deċiżjoni hija att li jista' jiġi kkontestat li jikkonċerna direttament din l-impriża, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali u tibgħat lura l-kawża quddiemha sabiex tagħti deċiżjoni fuq il-mertu

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li deċiżjoni vinkolanti tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) li tirregola tilwima bejn diversi awtoritajiet superviżorji nazzjonali dwar il-punt jekk kontrollur tal-ipproċessar tad-data jkunx kiser ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) ¹ u jekk ikunx hemm lok, skont il-każ, li jiġu modifikati l-miżuri korrettivi previsti fir-rigward tiegħu tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat quddiem il-qorti tal-Unjoni. Fil-fatt, din id-deċiżjoni toriġina minn korp tal-Unjoni u hija intiża li tipproduċi effetti legali fir-rigward ta' terzi. Minbarra dan, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li WhatsApp Ireland Ltd (iktar 'il quddiem "WhatsApp") hija direttament ikkonċernata mid-deċiżjoni inkwistjoni. Ir-rikors għal annullament ta' WhatsApp huwa ammissibbli iżda billi l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għadha ma eżaminatx il-mertu tat-tilwima, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet appellat u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-GDPR, l-awtorità superviżorja Irlandiża, jiġifieri d-Data Protection Commission, irċeviet ilmenti minn utenti u mhux utenti tas-servizz ta' messaggġi "WhatsApp" dwar l-ipproċessar ta' data personali minn din l-impriża. Din l-awtorità superviżorja bdiet *ex officio*, f'Diċembru 2018, investigazzjoni ta' natura ġenerali dwar l-osservanza, minn WhatsApp, tal-obbligi tagħha ta' trasparenza u ta' informazzjoni fir-rigward ta' individwi.

F'Diċembru 2020, l-awtorità superviżorja Irlandiża ppreżentat lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati l-oħra kollha abbozz ta' deċiżjoni sabiex tikseb l-opinjoni tagħhom ². Fin-nuqqas ta' kunsens dwar ċerti aspetti ta' dan l-abbozz, hija resqet quddiem l-EDPB sabiex isolvi t-tilwima bejn l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, billi jieħu pożizzjoni fuq il-kwistjonijiet li kienu s-suġġett ta' oġġezzjonijiet rilevanti u motivati.

L-EDPB ta' deċiżjoni vinkolanti ³ għall-awtoritajiet superviżorji kkonċernati kollha, jiġifieri d-Deċiżjoni 1/2021, li fiha b'mod partikolari kkonstata l-ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR u obbliga lill-awtorità superviżorja Irlandiża temenda l-miżuri korrettivi previsti, inkluż l-ammont tal-multi. Fuq din il-bażi, din l-awtorità tat id-deċiżjoni finali tagħha, li ġiet indirizzata lil WhatsApp u li imponiet fuqha, b'mod partikolari, multi għal **ammont akkumulat ta' EUR 225 miljun**.

WhatsApp ippreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-EDPB quddiem il-Qorti Ġenerali ⁴. Madankollu, permezz tad-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru 2022 ⁵, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli, minħabba li d-deċiżjoni tal-EDPB ma kinitx att li jista' jiġi kkontestat u WhatsApp ma kinitx direttament ikkonċernata minn din id-deċiżjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, id-deċiżjoni tal-EDPB kienet biss miżura intermedja u WhatsApp setgħet tikkontesta d-deċiżjoni finali tal-awtorità superviżorja Irlandiża biss quddiem qorti nazzjonali. Għalhekk WhatsApp ikkontestat id-digriet tal-Qorti Ġenerali billi ppreżentat appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li **d-deċiżjoni tal-EDPB hija tassew att li jista' jiġi kkontestat**

quddiem il-qorti tal-Unjoni. Fil-fatt, din id-deċiżjoni hija att li joriġina minn korp tal-Unjoni u għandha natura vinkolanti fir-rigward ta' terzi, jiġifieri, f'dan il-każ, l-awtorità superviżorja Irlandiża u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra kollha. Minbarra dan, l-imsemmija deċiżjoni tistabbilixxi definittivament il-pożizzjoni ta' dan il-korp u teżawrixi l-kwistjonijiet kollha li kienu tressqu quddiemu. Konsegwentement, tali deċiżjoni ma tistax titqies li hija miżura intermedja li ma tistax tiġi kkontestata.

Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **WhatsApp hija direttament ikkonċernata minn din l-istess deċiżjoni**, peress li hija biddlet b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali ta' din l-impriża, mingħajr ma ħalliet marġni ta' evalwazzjoni lid-destinatarji tagħha. Fil-fatt, din id-deċiżjoni torbot inkundizzjonatament lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konstatazzjoni ta' ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR, u dawn l-awtoritajiet ma jistgħux ibiddlu r-risultat tagħha.

L-appell ta' WhatsApp huwa għalhekk iddikjarat ammissibbli u **d-digriet tal-Qorti Ġenerali huwa annullat**. Il-Qorti tal-Ġustizzja tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni fuq il-mertu tal-kawża, inkluż dwar il-kwistjoni jekk WhatsApp kisritx id-dispożizzjonijiet ikkonċernati tal-GDPR.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieġu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli](#), is-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

² Konformement mal-Artikolu 60(3) tal-GDPR.

³ Skont l-Artikolu 65(1) tal-GDPR.

⁴ Skont l-Artikolu 263 TFUE.

⁵ Digriet tas-7 ta' Diċembru 2022, WhatsApp Ireland vs Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data [T-709/21](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 196/22](#)).